# Il-Fjamingu residenti fl-Għadira jinqatel u jinsteraq mir-riserva naturali

- **Il-Pulizija tinvestiga d-dħul illegali fir-riserva matul il-lejl minn kaċċaturi**
- **Fuq il-post jinstab skartoċċ użat qrib ħaxix li jidher ċar li ġie mirfus**
- **Identifikat il-post minn fejn xi ħadd daħal fir-riserva, jinstab ukoll ammont ta' rix roża**

Il-Fjamingu li kien ilu jsebbaħ ir-Riserva Naturali tal-Għadira għal dawn l-aħħar sena u nofs sparixxa minn fuq il-post nhar il-Ħamis li għadda 29 ta' Novembru. Ħaddiema ta' BirdLife Malta li kienu qed jittamaw li l-għasfur probabbli ħalla s-sit fejn kien qed iqatta' x-xitwa biex ipassi ma tawx kas sakemm ilbieraħ instab x'kien ġara verament. Waqt ronda f'parti tar-riserva li normalment ma tkunx aċċessibbli biex ma jiġux imfixkla l-għasafar, instab skartoċċ użat maġenb xi ħaxix li kien jidher ċar li ġie mirfus. Aktar tiftix fl-inħawi wassal biex jiġi identifikat il-post minn fejn xi ħadd kien daħal fir-riserva biex jispara lill-Fjamingu. BirdLife Malta temmen li l-għasfur protett ittieħed mis-sit minħabba li f'dan il-post instab ukoll ammont ta' rix ta' kulur roża.

Tul il-lejl meta seħħ il-każ, il-*watchman* li kien xogħol fil-post kien iċċekkja d-dawra tar-riserva u dan jindika li ntuża xi forma ta' senter *b'silencer* minħabba li ma nstemgħu l-ebda tiri. Sar rapport lill-pulizija u uffiċjali marru fuq il-post biex jiġbru l-evidenza sabiex ikun investigat min jista' jkun responsabbli għal dan l-att kriminali.

Din hija tabilħaqq ġurnata kerha għall-konservazzjoni tan-natura f'Malta minħabba li dan l-għasfur kien ilu l-Għadira għal aktar minn sena, minn Awwissu 2017, meta kien salvat mill-bajja tal-Armier. Fil-fatt, dan il-Fjamingu kien ikkunsidrat bħala 'resident' tal-Għadira għax qatt ma ħalla r-riserva minn meta nħeles hemmhekk f'Settembru 2017. Fjamingu ieħor li wkoll kien inħeles miegħu fl-istess ġurnata, kien kompla bil-passa tiegħu ftit wara.

Filwaqt li kienu għadu ferħ meta ġie riabilitat u meħlus fir-riserva, dan il-Fjamingu kien beda bil-mod il-mod itella' r-rix tipiku ta' kulur roża li normalment nassoċjaw ma' din l-ispeċi. Tul ix-xhur tas-sajf ingħaqdu ma' din it-tajra qatgħa ta' tmien



Fjamingi oħra li eventwalment qattgħu aktar minn erba' xhur fir-riserva qabel komplew ipassu x-xahar li għadda. F'mument minnhom kien hemm rekord ta' 14-il Fjamingu fir-riserva bbażata fil-Mellieħa u dan wassal biex BirdLife Malta fetħet ir-riserva għall-pubbliku diversi drabi f'Awwissu minkejja li r-riservi f'dan il-perjodu jkunu magħluqin għas-sajf. L-eluf ta' viżitaturi li ngħataw l-opportunità li jaraw il-Fjamingi f'din is-sensiela ta' *open days* fir-riserva kienu baqgħu impressjonati u ħadu ħafna ritratti ta' dan l-għasfur sabiħ.

Illum, iżda, nafu li għad fadal ħafna xi jsir biex jiġi eradikat darba għal dejjem l-ispettru tal-qtil illegali tal-għasafar li qed iċaħħad ħafna nies mid-dritt li jgawdu u jieħdu pjaċir bi speċi bħal dawn. Il-kwistjoni tal-ibbalzmar ukoll trid tiġi indirizzata bis-serjetà u riveduta b'urġenza għax għasafar bħal dan il-Fjamingu probabbilment huma vittmi tad-domanda li ġġib magħha din il-prattika. Il-kwistjoni tal-kollezzjonijiet tat-tajr ibbalzmat tqajmet diversi drabi mal-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) u mas-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri imma sa issa ma ttieħdet l-ebda azzjoni. Qabel, l-ispezzjonijiet kienu jsiru mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) imma llum dawn l-ispezzjonijiet jinsabu fl-inqas livell.

Dan huwa t-tieni inċident ta' kaċċa illegali li jinvolvi lill-Fjamingi tal-Għadira f'inqas minn xahar. Fit-2 ta' Novembru li għadda, Fjamingu ieħor spiċċa fil-mira tal-kaċċaturi u ieħor sparixxa meta qatgħa ta' tlieta minnhom taret 'il barra mir-riserva. Ftit minuti wara rritornaw biss tnejn li wieħed minnhom kien jidher ċar li kellu ferita f'għonqu kkaġunata minn tiri ta' senter. BirdLife Malta hija diżappuntata b'mod partikolari għaliex iż-żieda fl-attività minn Fjamingi fir-riserva kienet qed tqanqal tama li xi darba dan l-għasfur seta' jbejjet f'Malta, speċifikament fl-Għadira, fejn il-ħabitat jixbah sew lil dak li jfittex il-Fjamingu.

B'xorti ħażina kulma jmur qed jidher ċar li ċ-ċint li jdawwar ir-riserva u l-*watchman* li jkun hemm fil-post mhumiex deterrent b'saħħtu biżżejjed biex iwaqqaf lil dawn il-kriminali milli jwettqu atroċitajiet bħal dawn u għaldaqstant it-tmexxija ta' BirdLife Malta se tkun qed iżżid l-isforzi tagħha biex ittejjeb is-sigurtà fir-riservi sabiex kemm jista' jkun atti illegali bħal dawn ma jirrepetux ruħhom fil-futur. BirdLife Malta qed tappella lil kull min għandu xi informazzjoni dwar dan l-inċident biex jgħaddiha mill-ewwel lit-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Korp tal-Pulizija, inkella direttament lilna fl-uffiċċji tagħna.

F'sena li se tibqa' mfakkra bħala l-agħar waħda f'dawn l-aħħar sitt snin għal dak li għandu x'jaqsam mal-kaċċa illegali ta' tajr protett, inċidenti bħal dawn ikomplu jagħtuna prova tar-realtà kerha li l-kaċċa illegali f'Malta u Għawdex hija rampanti.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-wPasgc5dS3**

1-10. Fjamingu matul u misruq mill-Għadira (Ritratti ta' BirdLife Malta)
11. Ritratt tal-Fjamingu meta nħeles fl-Għadira f'Settembru 2017 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
12. Ritratt tal-istess Fjamingu meħud ftit ġimgħat ilu, li juri r-rix roża karatteristiku ta' dan l-għasfur (Ritratt ta' Alvin Farrugia)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-0iSbznW9bL**

1. Fjamingu maqtul u misruq mill-Għadira_kummentarju bl-Ingliż
2. Fjamingu maqtul u misruq mill-Għadira_kummentarju bil-Malti
3. Filmati tal-Fjamingu qed jinħeles fl-Għadira f'Settembru 2017 (Filmati ta' BirdLife Malta)
4. Filmati ta' Lulju 2018 li juru l-istess Fjamingu fl-Għadira (Filmati ta' Aron Tanti)

